MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## DOREEN CLARKE

Seduta tat-13 ta' April, 2010

Numru. 202/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Michael Mallia)**

**vs**

**Ludwig (Ludwig-Noel) Desira**

Kumpilazzjoni Nru: 202/2010

Illum, 13 ta’ April 2010

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Ludwig (Ludwig-Noel) Desira, ta’ 31 sena, iben Alfred u Pauline nee’ Pace, imwieled Pieta’ fil-11 ta’ Mejju, 1978 u residenti fil-fond 91, Triq San Tumas, Birzebbuga u  detentur tal-Karta ta’ l-Identita’ bin-numru: 225078M

Akkuzat talli fil-Kalkara, fil-perjodu ta’ bejn ix-xhur ta’ Gunju u Awissu tas-sena 2006, fi Triq Santu Rokku kkommetta serq ta’ xabla tal-militar u oggetti ohra minn gol-fond ‘Fortizza Rinella’, liema reat ta’ serq huwa kkwalifikat bil-persuna u bil-valur li jeccedi s-somma ta’ €232.93 (mitt Lira Maltin) izda inqas minn €2329.37 (elf Lira Maltin)  u li sar ghad-dannu tal-Fondazzjoni Wirt Artna;

U aktar talli fil-Belt Valletta, nhar it-8 ta’ Settembru, 2007, fi Pjazza Kastilja kkommetta serq ta’ flus kontanti u oggetti ohra minn gol-fond ‘Saluting Battery’ tal-Barrakka ta’ Fuq, liema reat ta’ serq huwa kkwalifikat bil-valur li jecceddi s-somma ta’ €232.93 (mitt Lira Maltin) izda inqas minn €2329.37 (elf Lira Maltin) u li sar ghad-dannu tal-Fondazzjoni Wirt Artna;
U finalment akkuzat ukoll talli f’dawn il-Gzejjer, fix-xahar ta’ Gunju, tas-sena 2007 u fix-xhur ta’ wara din id-data, appropja ruhu billi dawwar bi profitt ghalih jew ghall-persuna ohra, minn haga ta’ haddiehor li tkun giet fdata jew ikkonsinnata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat u cioe’ uniformijiet u oggetti ohra militari, liema oggetti gew fdati jew ikkonsinnati lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu jew minhabba depozitu necessarju ai terminu ta’ l-artikolu 293 u 294 u 310(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-artikoli 261(c)(d), 267, 270, 293, 294 u 310(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat il-kunsens ta’l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma llum l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu. F’l-istess udjenza huwa hallas ukoll l-ammont ta’ €1060 lill-parte civile rapprezentanti il-valur ta’l-oggetti li ma setghux jigu ritornati.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni min-naha n-natura tar-reati kommessi mill-imputat u min-naha l-ohra l-koperazzjoni ta'l-imputat mal-pulizija, l-ammissjoni fi stadju bikri ta' dawn il-proceduri, il-fatt li l-bicca l-kbira ta'l-oggetti misruqa gew ritornati u l-valur ta' l-oggetti l-ohra diga thallas lill-parte leza. Il-Qorti hadet in konsiderazzjoni ukoll il-fedina penali ta'l-imputat li hija netta.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli 261(c)(d), 267, 270, 293, 294 u 310(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju r-responsabbilta tieghu u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien sentejn mill-llum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------